# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1343/2010/1 JA**

**Carmel sive Charles Micallef**

**vs**

**Joseph Frederick Micallef u l-Avukat Dr Juliette Galea bħala mandatarja tal-assenti Edwin Micallef; u b'digriet tas-16 ta' Mejju 2017 Dr Juliette Galea ġiet estromessa mill-atti u minflok ġew nominati bħala kuraturi Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina biex jirrappreżentaw lill-istess assenti; u b'digriet tas-26 ta' Lulju 2017 il-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina ġiet sostitwita bil-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Carmel *sive* Charles Micallef kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Ottubru, 2018 dwar qsim ta' wirt u ħlas ta' sehem riżervat.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-30 ta' Diċembru, 2010, l-attur fisser li b'testment *unica charta* tat-30 ta' Ottubru, 1978, ommu Antoinette Micallef née Barbara, li mietet fit-8 ta' Diċembru, 1979, kienet ħatret lilu flimkien ma' ħutu, il-konvenuti Joseph Frederick u Edwin Micallef, bħala werrieta tagħha. Minbarra dan, l-attur appellant qal ukoll li huwa għandu l-jedd għal-*legitima portio* skont il-liġi mill-wirt ta' missieru Joseph Micallef magħruf ukoll bħala Micallef Inguanez, li miet fit-2 ta' Marzu, 2002 u li kellu l-wirt tiegħu regolat b'testment tas-26 ta' Ġunju, 1997.

3. L-attur akkuża lill-konvenut Joseph Frederick Micallef li amministra b'mod abbużiv u llegali wħud mill-assi li jagħmlu parti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, kif ukoll, li flimkien mal-konvenut l-ieħor Edwin Micallef bdew irregolarment jillikwidaw u jaqsmu l-flejjes li kien hemm miżmuma f'kontijiet bankarji u fi *stocks* varji. Minħabba f'hekk, huwa talab u kiseb favurih mandat ta' inibizzjoni biex iżomm lill-konvenuti milli jkomplu jillikwidaw u jaqsmu dawn il-flejjes.

4. Wara li nħareġ il-mandat ta' inibizzjoni, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«i. Okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, ai termini tal-Artikolu 906 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili – Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta – tillikwida l-assi ereditarji tad-defunta Antoinette Micallef née Barbara u Joseph Micallef magħruf ukoll bħala Micallef Inguanez illi s'issa għadhom ma ġewx diviżi u assenjati skont il-liġi u li l-konsistenza tagħhom sejra tiġi ppruvata fil-kors tas-smigħ tal-kawża;*

*ii. Tiddividi l-assi ereditarji li jappartjenu għall-wirt tad-defunta Antoine Micallef f'porzjonijiet ugwali bejn l-esponent rikorrent u l-intimati u tassenja porzjon kull wieħed lill-istess esponent rikorrent u l-intimati;*

*iii. Tillikwida l-porzjoni riżervata lill-esponent rikorrent mil-liġi bħala leġittima mill-assi ereditarji ta' missieru Joseph Micallef magħruf ukoll bħala Micallef Inguanez wara li jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża l-konsistenza ta' dawn l-istess assi ereditarji;*

*iv. Tiddikjara li l-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni ta' flejjes miżmuma f'kontijiet bankarji bejn l-intimati qabel ma' saret il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tad-defunta Antoinette Micallef née Barbara u Joseph Micallef magħruf ukoll bħala Micallef Inguanez u allura qabel ma ġie determinat u konstatat jekk dawn il-flejjes kienu jappartjenu u jifformaw parti mill-assi ereditarji tad-defunta Antoinette Micallef ukoll u allura spettanti ukoll lill-esponent rikorrent kienet waħda irregolari, abbużiva, illeġittima u leżiva tad-drittijiet tal-esponent rikorrenti;*

*v. Tillikwida dak l-ammont mill-imsemmija flejjes miżmuma f'kontijiet bankarji li kienu jappartjenu u jifformaw parti mill-assi ereditarji tad-defunta Antoinette Micallef u għalhekk dovut lill-esponent rikorrent; u*

*vi. Tikkundanna lill-intimati sabiex solidalment bejniethom iħallsu l-ammont hekk likwidat lill-istess esponent rikorrent.*

*Bl-imgħaxijiet legali kemm kwantu għall-ammont tal-porzjoni riżervata sa mid-data ta' meta din saret dovuta u kellha għalhekk titħallas u kif ukoll kwantu kull ammont ieħor dovut bħala sehem l-esponent rikorrent mill-assi ereditarji tal-omm u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra l-intimati li minn huma inġunti għas-subizzjoni.»*

5. Il-konvenuti wieġbu għal dan ir-rikors fis-7 ta' Frar, 2011, u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi fl-ewwel lok, din mhijiex l-ewwel kawża li fetaħ l-attur fuq il-wirt ta' ommu u missieru, iżda fetaħ żewġ kawżi oħrajn li mbagħad it-tnejn ċedihom (175/04 GCD u 926/05 JRM) u hemm ukoll kawża oħra pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta,*

*u kif ser jingħad aktar 'l isfel;*

*2. Illi minkejja li l-attur kellu kull informazzjoni sabiex jindika eżattament lill-intimati x'kien qed jippretendi bħala eredi ta' ommu u leġittimarju ta' missieru, l-attur ipproċeda b'din il-kawża, mingħajr ma bagħat lill-intimati s-solita ittra uffiċjali fejn indika biċ-ċar il-pretensjonijiet tiegħu, ġaladarba dak kollu propost u re-propost lilu mill-intimati ġie rrifjutat minnu;*

*3. Illi fis-sena elfejn u tmienja l-istess attur fetaħ il-kawża bin-nru 489/2008 kontra wieħed mill-intimati odjerni. Din l-ewwel kawża li titratta ħax azzjoni korretta sabiex jgħaddi lill-istess attur sehmu mill-wirt ta' ommu u l-legittima ta' missieru. Peress li f'dik il-kawża hemm talbiet li huma konnessi mal-kawża odjerna jew jistgħu jaffetwaw l-eżitu tal-istess, l-imsemmija tieni kawża tieħu konjizzjoni tagħha l-ewwel Qorti ai termini tal-art. 792 u 793 (1) tal-Kap 12. L-esponenti umilment jgħarrfu lil din l-Onorabbli Qorti li ser jiġi intavolat rikors f'dan is-sens quddiem il-Qorti kif preseduta;*

*4. Illi fl-imsemmija kawża biċ-ċitazzjoni numru 489/2008, diġà hemm xhieda sostanzjali dwar il-konsistenza tal-assi erditarji tal-omm kif ukoll ta' missier il-kontendenti, u jirriżulta biċ-ċar, li minkejja l-isforzi tal-intimati, liema sforzi kienu li jissuperaw dak mistenni minnhom skont il-Liġi, kien l-attur innifsu li dejjem ostakola l-proċess ta' diviżjoni u dan kif jirriżulta mill-evidenza li ppreżenta r-reġistratur tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) fil-mori ta' dik il-kawża;*

*5. Illi dwar l-ewwel u t-tieni talbiet trid issir distinzjoni legali u fattwali bejn il-wirt matern u dak patern tal-kontendenti fis-sens illi fil-każ tal-wirt matern, is-suċċessjoni ta' liema ġiet miftuħa f'Diċembru 1979, il-kontendenti kienu eredi ugwali, flimkien ma' missierhom, mentri fil-każ tal-wirt patern, is-suċċessjoni nfetħet f'Marzu 2002, u l-attur hu biss leġittimarju;*

*6. Illi l-attur għandu jindika x'inhi l-konsistenza tal-wirt matern u dak patern, u dana l-attur seta' faċilment jasal għalih kemm mill-informazzjoni li għadda lilu kif ukoll il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja l-intimat Joseph F. Micallef, kif ukoll mix-xhieda ta' diversi istituzzjonijiet finanzjarji fil-mori tal-kawża bin-numru 489/2008;*

*7. Illi dwar il-leġittima paterna spettanti lill-attur, l-esponenti jaqblu li t-tielet talba tal-attur għandha tiġi milqugħa, basta l-ispejjeż involuti fil-komputazzjoni ta' tali leġittima jbatihom l-istess attur, stante li kien l-istess attur li għamel dak kollu li seta' sabiex jistorna l-proċess ta' tali likwidazzjoni, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

*8. Illi r-raba' talba għandha tiġi respinta in toto: l-ewwelnett għaliex fil-fatt dawn kienu flejjes appartenenti u intestati f'isem il-missier għal diversi snin, u għaliex ma kien hemm xejn irregolari f'tali proċedura, tant illi l-esponenti kellhom il-pjena kollaborazzjoni tal-istuzzjonijiet*

*finanzjarji konċernati kif ukoll li l-attur ma sofra ebda preġudizzju jew leżjoni tad-drittijiet tiegħu;*

*9. Illi m'hemm ebda indikazzjoni dwar il-ħtieġa tal-ħames talba peress l-istess talba hi kompriża fil-finijiet tat-tieni talba;*

*10. Dwar is-sitt talba, l-intimati jirrimettu ruħhom għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż kollha ta' din l-istanza u dawk kollha relatati, kif ser jiġu indikati fil-mori tal-kawża, kontra l-attur Carmel Micallef, stante li kien hu biss li kkreja d-dewmien u ostakola d-diviżjoni u l-likwidazzjoni tal-wirt de quo agitur.»*

6. B'digriet tas-16 ta' Mejju, 2017, l-Ewwel Qorti ħatret lill-avukata Josette Sultana u lill-Prokuratriċi Legali Nicolette Aquilina bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-assenti konvenut Edwin Micallef minflok l-avukata Juliette Galea. Dawn il-kuraturi ppreżentaw risposta fit-13 ta' Lulju, 2017 u fiha qalu hekk:

*«1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju aktar avvanzat tal-proċeduri jekk jkun il-każ;*

*2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

7. B'sentenza tat-23 ta' Ottubru, 2018, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża b'dan il-mod:

*«Għal dawn il-motivi din il-qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tastjeni milli tippronunzja ruħha dwar ir-raba' (4) u s-sitt (6) talbiet; u tilqa' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-ħames (5) talbiet KONĠUNTIVAMENT b'dan il-mod:*

*- tassenja l-beni immobbli mill-wirt taż-żewġ ġenituri lill-kontendenti kif ġej:*

*(1) L-attur Carmel Micallef jieħu ⅓ indiviż tal-qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat, u l-fond 6 (69) Shepherds Street, Rabat (preżentement mikri lil kuġintu Carmen Zammit);*

*(2) Il-konvenut Joseph Micallef jieħu ⅓ indiviż tal-qabar, nru 211, St*

*Margaret's Cemetery, Rabat; l-fond 37 (58) St Michael Street, Rabat u l-garaxx 37 (58) St Michael Street, Rabat;*

*(3) Il-konvenut Edwin Micallef jieħu ⅓ indiviż tal-qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat; il-garaxx 6 (69) Shepherds Street, Rabat, u bħala PRELEGAT jieħu l-fond "Maybee", St Edward Street, Rabat.*

*- tassenja l-beni monetarji mill-wirt taż-żewġ ġenituri lill-kontendenti kif ġej:*

*(1) L-attur jieħu €36,291.48;*
*(2) Il-konvenut Joseph Frederick Micallef jieħu €129,050.02; u*
*(3) Il-konvenut Edwin Micallef jieħu €94,699.12.*

*- Kwalsiasi ammont li jiżboq is-somma ta' (mitejn u sittin elf, sitt mija tlieta u għoxrin Ewro u tnax-il ċenteżmu) €260,623.12 f'assi monetarji (minħabba l-imgħaxijiet li jkunu iddekorrew) għandu jitqassam bejn il-kontendenti fl-ishma ta' 1/9 lill-attur u 4/9 lil kull wieħed lill-konvenuti.*

*- Fir-rigward tal-assi mobbli ma hemmx valutazzjoni fl-atti. Skont it-testment tal-missier, dak kollu li jinsab fil-fond "Maybee" St Edward Street, Rabat, huwa ta' Edwin Micallef u dak kollu li ġie akkwistat mill-missier wara l-mewt tal-omm huwa ta' Joseph Micallef. Lil ħuh Toninu ħallielu għaxar biċċiet għodda a xelta tiegħu. Lill-konvenut Edwin Micallef ħallielu kull xorta ta' "drawing instruments" u materjal relatat mad-"drawing"; filwaqt li lill-konvenut Joseph Micallef ħallielu kull xorta ta' għodod, "workshop equipment", "raw material" u "fittings". Fir-rigward tat-tlett pitturi ta' omm il-kontendenti, ta' missier missier il-kontendenti, u ta' Winston Churchill, dawn tħallew lill-konvenuti (Joseph u Edwin Micallef) u lil ħuh Toninu, u ħalla lill-imsemmija tliet persuni jiddeċiedu bejniethom dwar liema pitturi jieħdu. Din il-Qorti tordna ghalhekk li fir-rigward tal-kumplament tal-assi mobbli, inkluż għamara, dawn jittellgħu bil-polza bejn il-kontendenti, fejn ma jkunx hemm qbil bejniethom.*

*- Fir-rigward tal-tliet ċrieket tal-omm, ma hemmx valutazzjoni fl-atti. Din il-qorti tordna ukoll li dawn ukoll jittellgħu bil-polza bejn il-kontendenti jekk ma jkunx hemm qbil dwar min għandu jieħu liema ċurkett.*

*- Fir-rigward tal-kera tal-fond mikri lil Carmen Micallef, il-konvenut Joseph Frederick Micallef xehed li kien laħaq ġabar (elf mija u wieħed u għoxrin Ewro) €1121, u preżentement il-kera qed tiġi depożitata fil-qorti. Dan il-fond illum qed jiġi assenjat lill-attur. L-imsemmija (elf mija u wieħed u għoxrin) €1121 (inkluż imgħaxijiet[1]) u*

[1] *Joseph Micallef xehed li l-€1121 iddepożitahom f'kont tal-BOV f'ismu u semmih "Inguanez" għal missieru. Spjega li l-Bank ma ħallihx isemmi l-kont "heirs of Joseph Micallef Inguanez"*

*kwalsiasi ammonti oħra ta' kera li ġew depożitati fil-qorti għandhom jitqassmu (wara li jitnaqqsu l-ispejjeż) bejn il-kontendenti fil-porzjon ta' 14/72 lill-attur u 29/72 lil kull wieħed mill-konvenuti. (Il-porzjon ta' 14/72 jirrifletti is-sehem li għandu l-attur mill-post kemm bħala eredi universali ta' ommu u kif ukoll bħala leġittimatarju ta' missieru).*

*- Il-Qorti tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Victor Bugeja bħala*
*kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-att li għandu jiġi pubblikat f'data, ħin u lok li tiffissa din il-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew minn Nutar nominandi.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-att relattiv imsemmi għandhom jitħallsu mit-tliet kontendenti fil-porzjon ta' (1/3) kull wieħed.»*

8. L-attur Carmel sive Charles Micallef appella minn din is-sentenza b'rikors imressaq fid-9 ta' Novembru, 2018, u talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata fejn din:

*«(a) Għażlet u ddeċidiet li ma tiddividix l-assi immobiljari kollha u assenjat terz indiviż lill-attur rikorrent appellant u lill-intimati appellati tal-qabar numru 211, St. Margaret Cemetery Rabat;*

*(b) iddeċidiet li l-fond "Maybee", St. Edward Street, Rabat jiġi assenjat interament lill-intimat assenti Edwin Micallef; u*

*(c) ma kkunsidratx u ma ħaditx kont tal-fatt li fil-flejjes fil-banek f'isem id-defunt missier il-kontendenti Joseph Micallef magħruf bħala Joseph Micallef magħruf bħala Joseph Micallef Inguanez u/jew investimenti oħra f'isem dan tal-aħħar sostanzjalment jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u li allura minnhom l-attur rikorrent kellu sehem kwantu eredi ta' ommu u li għalhekk dan l-element u ċirkostanza kellhom jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-ammont minn dawn il-flejjes fil-banek u/jew investimenti li kellu jiġi assenjat lill-attur rikorrent; u*

*(d) iddeċidiet kwantu għall-assi mobbli (mhux flejjes) li lill-intimat assenti Edwin Micallef jiġu assenjati l-assi mobbli li kienu jinsabu fil-fond "Maybee", f'St. Edward Street, Rabat u li jiġu assenjati assi mobbli lil ħu d-defunt Joseph Micallef, Toninu Micallef u favur l-intimati apellati Joseph Frederick Micallef u Edwin Micallef u li f'dan il-kuntest l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet talba mressqa mir-rikorrent*

---

*peress li ma kienx konfermat bħala esekutur testamentarju. Qal li ta rendikont tan-numru tal-kont aktar minn darba lill-attur).*

*attur sabiex jipproduċi prova li kienet turi li xi assi mobbli li kienu taħt il-kura u fil-pussess tal-intimat appellat Joseph Frederick Micallef ma ssemmewx fl-inventarju li kien ipprepara l-imsemmi intimat u appellat Joseph Frederick Micallef.*

*(e) injorat kompletament u ma ddeċidietx dwar it-talba għall-ħlas ta' imgħaxijiet legali fuq l-ammonti dovuti lir-rikorrent attur appellant; u*

*(f) ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mit-tliet kontendenti fi kwoti indaqs; u*

*tikkonferma l-imsemmija sentenza tat-23 ta' Ottubru, 2018 fil-kumplament tagħha u b'dan li l-ispejjeż ta' dan l-Appell għandhom jiġu mill-intimati appellati.»*

9. Il-konvenut Joseph Frederick Micallef wieġeb għal dan l-appell fis-6 ta' Diċembru, 2018, filwaqt li l-kuraturi deputati tal-konvenut Edwin Micallef wieġbu fl-14 ta' Diċembru, 2018. Fit-tweġibiet rispettivi tagħhom huma taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Inżamm smigħ fis-27 ta' April, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. L-appellant Carmel sive Charles Micallef u l-appellati Joseph Frederick Micallef u Edwin Micallef huma aħwa. It-tilwim ta' bejniethom huwa dwar il-wirt tal-ġenituri tagħhom Joseph u Antoinette Micallef.

12. Il-ġenituri tal-partijiet, Joseph u Antoinette Micallef, mietu bejn l-1979 u l-2002, jiġifieri, qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi fil-liġi tas-

suċċessjoni msemmija fl-**Att XVIII tal-2004**. Jiġi b'hekk, li skont l-**Artikolu 116(2)** tal-**Att XVIII tal-2004**, il-wirt mertu ta' din il-kawża jrid jiġi regolat skont il-liġi kif kienet qabel il-miġja ta' dawn l-emendi (ara ***Mary Anne Zammit et v. Antonia Ellul et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April, 2006).

13. Għalkemm fl-atti tal-kawża ma ġewx ippreżentati r-riċerki testamentarji tal-ġenituri, jirriżulta li l-partijiet qegħdin jaqblu li l-wirt tal-omm Antoinette Micallef huwa regolat bit-testment *unica charta* tat-30 ta' Ottubru, 1978 (li jinsab f'paġni 180 sa 182 tal-atti tal-kawża), filwaqt li l-wirt tal-missier Joseph Micallef jinsab regolat bit-testment pubbliku tas-26 ta' Ġunju, 1997 (li jinsab f'paġni 204 sa 210 tal-atti tal-kawża), kif emendat bit-testment addizzjonali tat-13 ta' Mejju, 1999 (li jinsab f'paġni 211 sa 212 tal-atti tal-kawża).

14. Mit-testment *unica charta* tal-omm, jirriżulta li skont it-tieni artikolu tat-testment hija ħalliet lil żewġha Joseph Micallef: (i) kwart tal-ġid kollu tagħha b'titlu ta' legat, u (ii) l-użu u l-użufrutt fuq il-bqija ta' ġidha. Bit-tielet artikolu tat-testment hija ħatret lit-tliet uliedha (il-partijiet f'din il-kawża) bħala l-werrieta universali tagħha.

15. Ifisser għalhekk li l-partijiet f'din il-kawża ħadu sehem ta' kwart ($^{1}/_{4}$) kull wieħed minn fuq il-ġid kollu ta' ommhom bħala werrieta, filwaqt

li missier il-partijiet ħa kwart ($^1/_4$) tal-ġid ta' martu b'titlu ta' legat u kiseb ukoll il-jedd ta' użu u użufrutt fuq l-ishma li wirtu wliedu.

16. Fuq ix-xaqliba l-oħra, mit-testment tal-missier jirriżulta li tħallew għadd ta' legati favur ħuh Toninu Micallef, uliedu Joseph u Edwin Micallef u lin-neputija tiegħu Carmen Zammit. Barra minn hekk, huwa ħalla lill-appellati Joseph Frederick u Edwin Micallef bħala werrieta universali tiegħu f'ishma indaqs bejniethom (ara l-ħdax-il artikolu tat-testment).

17. Dwar l-appellant Carmel sive Charles Micallef, il-missier kiteb hekk fit-tmien artikolu:

> *«Billi iben it-testatur Carmel sive Charles Micallef, sa min dejjem kien jiddeletta u jattiva dawk il-poteri li tagħtih il-liġi, akkost li lit-testatur iġiegħlu jbati bla bżonn, speċjalment wara l-mewt tal-mara tat-testatur, u billi dan iddikjara u esklama mal-istess testatur li huwa kien lest biex meta jiġi l-waqt jaqta' mnieħru biex jinki lil wiċċu, u fil-fatt hekk għamel ħafna drabi, għaldaqstant it-testatur qed iħallilu mhux aktar mil-leġittima kompetenti lilu mil-liġi.»*

18. Taħt il-liġi kif kienet meta nfetaħ il-wirt tal-missier, il-leġittima kienet sehem mill-wirt (*pars bonorum)* u mhux kreditu tal-wirt (*hereditatis portio*) (ara ***Helen Montebello pro et noe v. John Montebello et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Marzu, 2021).

19. Skont il-liġi l-antika, il-leġittimarju għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu jkun għadu fl-istat kif kien fil-

waqt tal-ftuħ tas-suċċessjoni mal-mewt tad-*de cuius* (ara ***Carmela Farrugia nomine et v. Concetta Mintoff nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ġunju, 1949). Għalhekk il-leġittima trid tingħata *in natura* (ara ***Maria Wismayer et v. Ruggiero Wismayer et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju, 1950), jiġifieri, trid tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew ikunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu ddispona b'liberalità minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi.

20. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu, magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ, wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur, u tingħata fi proprjetà sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni (ara ***Salvatore Cutajar et noe v. Maria Dolores Cutajar et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2009).

21. Biex jiġi determinat jekk il-legat jaqbiżx is-sehem disponibbli, il-valuri għandhom jitqiesu fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt. Għall-finijiet li jiġi stabbilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni, ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu. Dan joħroġ mill-fatt li l-jedd għal-leġittima jitnissel mal-

ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet (ara ***Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

22. L-ewwel ħaġa li trid issir għalhekk huwa li wieħed irid jara jekk it-testatur ikunx neħħa b'legati aktar mis-sehem li seta' jiddisponi minnu bil-liġi. Jekk id-dispożizzjonijiet testamentarji ma jaqbżux il-kwota disponibbli, b'mod li wara li jkunu tħallsu l-legati, xorta jibqa' fl-assi ereditarji biżżejjed assi biex jagħmlu tajjeb għal-leġittima, allura l-legati għandhom jitħallsu sħaħ, ukoll *in natura*. Biex jiġi determinat jekk il-legati jaqbżux is-sehem disponibbli, il-valuri għandhom jitqiesu fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt.

23. Iżda kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Concetta Vella et v. Giuseppe Buġeja et*** deċiża fl-10 ta' Diċembru, 1973:

> *«jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, ċjoè ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja.»*

24. Din il-pożizzjoni ġiet imtennija wkoll fis-sentenzi ***Mary Anne Zammit et v. Antonia Ellul et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2005 u ***Michael Buhagiar v. Margaret Hampton pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 2015). Fihom ingħad li

jekk it-testatur ikun iddispona aktar mill-kwota disponibbli, il-leġittimarju xorta jkollu jedd ta' sehem fuq il-ġid kollu tal-wirt, u peress li dak is-sehem, naturalment, ikun jiswa aktar jew anqas skont kemm, bejn iż-żmien tal-ftuħ tal-wirt u ż-żmien tal-ħlas tas-sehem riżervat, jikber jew jiċkien il-valur tal-assi tal-wirt, allura l-leġittima għandha tiġi likwidata fuq valutazzjoni tal-assi tal-mejjet fi żmien l-iktar qrib possibbli għall-għoti tas-sentenza.

25. Dwar id-daqs tal-leġittima, l-**Artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili**, fiż-żmien rilevanti, kien jgħid li l-leġittima hija t-terz ($^{1}/_{3}$) tal-beni tal-mejjet, jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa, jew in-nofs ($^{1}/_{2}$) ta' dawk il-beni jekk ikunu ħamsa jew iżjed. Fil-każ tal-lum, billi d-*de cuius* Joseph Micallef kellu tlitt itfal ħajjin fil-waqt ta' mewtu, allura l-leġittima hija ta' terz ($^{1}/_{3}$) tal-ġid ereditarju kollu tiegħu.

26. Bil-liġi wkoll, dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn l-ulied kollha (ara **Artikolu 616(2) tal-Kodiċi Ċivili**). Għalhekk jekk is-sehem ta' terz irid jinqasam bejn tlieta, dan iġibna għar-riżultat li l-leġittima tal-appellant fuq il-ġid ta' missieru hija ta' $^{1}/_{9}$.

27. B'kollox għalhekk l-appellant għandu jedd ta' $^{1}/_{4}$ bħala werriet fuq il-ġid ta' ommu u jedd ta' $^{1}/_{9}$ bħala leġittimarju fuq il-ġid ta' missieru.

28. Ippreċiżat dan kollu, din il-Qorti tista' tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-appellant.

29. L-**ewwel aggravju** mressaq mill-appellant jolqot il-qabar numru 211, fiċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita, ir-Rabat.

30. L-Ewwel Qorti qalet hekk dwar dan il-qabar:

> *«Dwar il-qabar, din il-qorti ma jidhirlhiex li dan għandu jiġi assenjat lil xi wieħed mill-aħwa; huwa xieraq li jinżamm bejniethom ilkoll, u għalhekk ser tħallih indiviż bejn it-tliet aħwa.*
> *...*
>
> *⅓ tal-qabar, nru 211, St Margaret's Cemetery, Rabat €3,666»*

31. L-appellant isostni li l-Ewwel Qorti kellha taqsam dan il-qabar bejn il-partijiet u mhux tħalli lill-partijiet fi stat ta' komunjoni, b'sehem ta' terz kull wieħed.

32. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li huma kuntenti li dan il-qabar jibqa' mhux maqsum bejniethom, hekk kif ġie deċiż mill-Ewwel Qorti.

33. Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li dan il-qabar kien inxtara mill-ġenituri tagħhom meta t-tnejn kienu għadhom ħajjin. Minbarra dan, il-Perit Mario Cassar, li ġie maħtur bħala espert mill-Ewwel Qorti, kiteb fir-rapport tiegħu li l-valur ta' dan il-qabar fl-2015 kien ta' €11,000 (ara paġna 265 tal-atti tal-kawża). L-Ewwel Qorti qalet li l-appellant għandu

jżomm terz mhux maqsum ta' dan il-qabar u tagħtu valur ta' €3,666.66 (€11,000 x $^{1}/_{3}$).

34. Dan kollu meqjus, din il-Qorti tibda billi tinnota li ma sarx appell prinċipali jew inċidentali mill-konvenuti dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti qalet li s-sehem tal-appellant fuq il-qabar huwa ta' terz. Hekk ukoll ma tressaq l-ebda aggravju dwar il-valur li għandu jingħata lill-qabar inkwistjoni. Għalkemm forsi hemm aktar x'wieħed jgħid, kemm dwar is-sehem li l-appellant għandu fuq il-qabar, kif ukoll dwar il-valur tal-qabar, din il-Qorti fin-nuqqas ta' aggravji, trid toqgħod fuq dak stabbilit mill-Ewwel Qorti.

35. Tassew dak li din il-Qorti qiegħda tiġi mitluba illi tiddeċiedi f'dan l-aggravju huwa biss jekk il-qabar għandhiex tħallih komuni bejn il-partijiet jew le.

36. Ġeneralment il-qrati tagħna aċċettaw li qabar għandu jibqa' miżmum b'mod komuni bejn il-werrieta, jekk kemm-il darba jkun hemm qbil bejn il-partijiet (ara ***Nicholas Scicluna et v. Nicholas Bonello et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Marzu, 2015, ***Mary D'Amato v. Carmelo Camilleri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2016 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022 u ***Carmen Scerri v. Margherita sive Margaret Saliba*** deċiża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Marzu, 2023).

37. Il-kwistjoni iżda li għandha quddiemha din il-Qorti hija waħda fejn żewġ werrieta (i.e. l-appellati) jridu jżommu l-qabar f'xirka bejniethom, filwaqt li werriet ieħor (i.e. l-appellant) ma jridx jibqa' fil-komunjoni.

38. Illi skont l-**Artikolu 906(1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-qasma tal-wirt tista' dejjem tintalab anke jekk it-testatur ikun ipprojbiha. F'dan il-każ ħadd mill-ġenituri tal-partijiet ma semma xi ħaġa fit-testment tiegħu dwar il-qasma tal-qabar inkwistjoni imma wieħed jifhimha li x'aktarx il-ġenituri ma jkunux iridu jaqsmu l-qabar tal-familja fost uliedhom.

39. Sfiq ma' dan, l-**Artikolu 907 tal-Kodiċi Ċivili**, jgħid li għall-qasma tal-ġid li ġej mill-wirt, għandhom kemm jista' jkun jitħarsu l-istess regoli li jgħoddu għall-qasma tal-ġid miżmum b'mod komuni u għal-liċitazzjoni. F'dan ir-rigward l-**Artikolu 496(1) tal-Kodiċi Ċivili** jiddisponi li ħadd ma jista' jkun imġiegħel jibqa' fil-komunjoni u għalhekk kull wieħed mill-komproprjetarji jista' dejjem jitlob il-qasma.

40. Billi f'dan il-każ, l-appellant ma jridx jibqa' fil-komunjoni tal-qabar, din il-Qorti ma tistax iġġiegħlu jibqa' fiha u f'dan is-sens għalhekk l-aggravju tiegħu jistħoqqlu illi jintlaqa'.

41. Il-problema issa hija kif għandha ssir il-qasma. Mill-atti tal-kawża

ma nġabitx prova li dan il-qabar jista' fiżikament jinqasam fi tliet biċċiet indaqs. Għalhekk il-Qorti ma tistax iddur għal din is-soluzzjoni.

42. Hemm l-għażla wkoll li l-qabar jinbiegħ b'liċitazzjoni bħalma seħħ fis-sentenza ***Mary Caruana et v. Giuseppina Ainsworth et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2015), madankollu, din il-Qorti ma tħossx li din is-soluzzjoni hija l-aktar waħda ġusta fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kawża, meta wieħed iqis li l-maġġoranza tal-werrieta jridu li jżommu l-qabar b'mod komuni u d-deċiżjoni tal-werriet minoritarju li jħoll il-komunjoni tal-qabar tkun aktar imnebbħa minn pika personali milli minn raġunijiet ekonomiċi.

43. Din il-Qorti tifhem li qabar tal-familja għandu valur sentimentali qawwi ħafna għaliex fih jinżammu l-fdalijiet tal-membri familjari u fih ukoll ikun hemm il-ħsieb li jindifnu membri familjari oħra li jiġu nieqsa fil-futur.

44. Billi f'dan il-każ jidher li huwa l-appellant biss li jixtieq jinħall mill-komunjoni għaliex iż-żewġ appellati jixtiequ jżommu dan il-qabar bejniethom, din il-Qorti temmen li l-aħjar soluzzjoni f'dan il-każ partikolari għandha tkun li ż-żewġ appellati għandhom iħallsu sehem l-appellant biex b'hekk dan ikun jista' jinqata' minn magħhom.

45. Għalkemm huwa minnu li l-ġurisprudenza tqis li l-qasma parzjali ta' wirt għandha tiġi mħollija biss meta jkun hemm qbil unanimu bejn il-werrieta, madankollu din il-Qorti tħoss li f'ġieħ is-sewwa u l-ġustizzja din ir-regola għandha tiġi mwarrba ftit mal-ġenb, f'każ ta' oġġetti bħal qabar tal-familja, li jkollhom valur sentimentali li jiżboq ferm dak finanzjarju. Dan ma huwa xejn ħlief espressjoni tal-filosofija legali magħrufa bħala attiviżmu ġudizzjarju (*judicial activism).*

46. Sewwasew fil-każ tal-lum ladarba huwa biss l-appellant li jrid jinħall mill-komunjoni tal-qabar, huwa ġust u xieraq li għandu jkun hu biss li jinħareġ mill-komunjoni, b'dana għalhekk li l-appellati għandhom jibqgħu jitħallew jgħożżu l-qabar bejniethom, basta li lill-appellant iħallsuh ta' sehmu mill-qabar.

47. Kif rajna aktar kmieni l-Ewwel Qorti qalet li sehem l-appellant mill-qabar huwa ta' terz ($^{1}/_{3}$), b'valur ta' €3,666.66. Dan is-sehem ta' terz ma ġiex ikkontestat mill-appellati, b'dana għalhekk li din il-Qorti ħa toqgħod fuqu.

48. Hekk ukoll, fl-atti tal-kawża ma nġabet l-ebda prova jew sottomissjoni li l-valur ta' dan il-qabar għola aktar minn €11,000 minn mindu saret l-istima fl-2015 mill-perit maħtur mill-qorti. F'kull każ, il-Qorti ma tħossx li għandha tagħmel xi aġġustament 'il fuq tal-valur tal-qabar,

minħabba l-mogħdija taż-żmien minn meta saret din l-istima sakemm ġiet biex tingħata din is-sentenza. Dan meta tqis li skont l-**Artikolu 3 tal-Ordni Dwar il-Prezz li Għandu Jitħallas Għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti (Leġislazzjoni Sussidjarja 17.02)**, il-prezz li għandu jitħallas għall-akkwist ta' qabar f'xi ċimiterju tal-Gvern (inkluż il-kumpens għas-sit) għandu jkun ta' €8,000.

49. Għalhekk dan l-ewwel aggravju qed jintlaqa' billi tordna liż-żewġ appellati jħallsu lill-appellant €1833.33 kull wieħed, ħalli b'hekk l-appellant ma jkollux aktar x'jaqsam magħhom dwar il-qabar numru 211, fiċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita, ir-Rabat.

50. It-**<u>tieni aggravju</u>** tal-appellant huwa dwar il-post Maybee, St. Edward Street, ir-Rabat, li l-Ewwel Qorti assenjatu lill-appellat Edwin Micallef. L-appellant jargumenta li dan il-post ma kienx kollu ta' missier il-partijiet għaliex nofsu kien tal-omm bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk ladarba dan il-post ma kienx kollu tal-missier, l-appellant isostni li dan ma setax iħalli dan il-post bħala prelegat lill-appellat Edwin Micallef.

51. L-appellat Joseph Frederick Micallef wieġeb li r-rieda testamentarja ta' missierhom għandha tiġi rispettata, filwaqt li l-appellat l-ieħor, Edwin Micallef, qal li missierhom seta' bil-liġi jħalli legat ta' post li

ma kienx kollu tiegħu.

52. Insibu miktub fl-**Artikolu 696(1) tal-Kodiċi Ċivili** li l-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment, illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu. F'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex jgħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha. L-**Artikolu 698** tal-istess Kodiċi mbagħad ikompli jgħid li jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa, il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu kollha.

53. Huwa ċar għalhekk minn kliem il-liġi li testatur jista' jħalli b'legat, ħaġa li hija ta' ħaddieħor, basta però li fit-testment tiegħu t-testatur jsemmi li dik il-ħaġa mhijiex kollha tiegħu jew inkella jsemmi li huwa għandu biss sehem minnha.

54. Appuntu dwar dan il-punt, fis-sentenza ***Paolo Żammit v. Rosa Żammit*** deċiża fit-28 ta' Ġunju, 1957, il-Qorti tal-Appell fissret li skont il-liġi tagħna, hija kondizzjoni essenzjali għall-validità ta' legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor, li t-testatur innifsu jniżżel dikjarazzjoni fit-testment li l-ħaġa mħollija b'legat tappartjeni lil ħaddieħor.

55. Ingħad ukoll li għalkemm m'hemmx bżonn ta' klawsola jew formola speċjali, però huwa meħtieġ li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni (ara ***Helen Vella et v. Mario Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2019) għaliex mingħajr din id-dikjarazzjoni l-legat dwar l-oġġett ta' ħaddieħor jitqies bħala wieħed null u li ma jiswiex (ara ***Helen Borg et v. Carmelo Rizzo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023). F'każ li t-testatur ikun sid ta' biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, allura l-legat ikun jiswa biss fir-rigward tal-parti li tkun tat-testatur u ma tkunx tiswa fir-rigward tal-parti li ma tkunx tat-testatur (ara ***Carmelo Borg pro et noe v. Doris armla ta' Carmelo Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1994, ***Theresa sive Tessie Scicluna pro et noe v. George Debrincat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2006 u ***Vincent Galea pro et noe et v. Theresa Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021).

56. Bħala fatt storiku, huwa interessanti li jingħad, li qabel ma ġew imdaħħla l-emendi fil-**Kodiċi Ċivili**, b'riħet l-**Att XLVI tal-1973**, kien hemm żmien fejn il-Qrati tagħna kienu jgħidu illi r-regoli msemmija fl-**Artikoli 696** u **698** ma kinux jgħoddu għal dawk id-dispożizzjonijiet testamentarji tar-raġel li jkollhom bħala oġġett «*beni della comunione degli acquisiti*» (ara ***Rosa Darmanin v. Sac. Don. Angelo Copperstone nomine et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta'

Awwissu, 1925). Dan għaliex f'każijiet simili kienet tiġi applikata n-norma tal-liġi msemmija fl-**Artikolu 1371 tal-Kodiċi Ċivili** li kienet tgħid li, «*jekk ir-raġel jiddisponi mill-akkwisti b'testment, id-dispożizzjoni tiegħu għandha effett basta l-mara tiegħu tiġi kompensata tas-sehem li jkun imissha*» (ara ***Giovanna Carabott v. Generoso Carabott et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru, 1947 u ***Joseph Brincat et v. Maria Zammit*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Frar, 1965). Din id-dispożizzjoni tal-liġi ġiet imneħħija bl-**Att XLVI tal-1973** u b'hekk il-ħtieġa tad-dikjarazzjoni li l-oġġett mhuwiex kollu tat-testatur imsemmija fl-**Artikoli 696** u **698 tal-Kodiċi Ċivili** ġiet tgħodd ukoll anke f'każijiet ta' legati ta' oġġetti li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin (ara ***Maria Pace et v. Maria Melita Cachia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ġunju, 2003).

57. Imħaddem dan kollu għall-każ tal-lum, il-Qorti tosserva li l-legat li dwaru qiegħed jilmenta l-appellant f'dan l-aggravju tiegħu ġie maħluq bid-disa' artikolu tat-testment tas-26 ta' Ġunju, 1997. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> «*Jekk il-post "May Bee" f'Saint Edward Street ir-Rabat, Malta ma jkunx għadu inbiegħ tul il-ħajja tat-testatur, l-istess testatur iħalli b'titolu ta prelegat lil ibnu Edwin Micallef, kwalunkwe parti indiviża tiegħu li tkun proprjetà tal-istess testatur inkluż mhux biss il-post iżda dak kollu li jkun jinsab mill-għadba l-ġewwa; it-testur qed jagħmel dan peress illi dan ibnu ma għandu ebda proprjetà f'Malta.* ***U stante l-fatt illi dan il-fond ma jappartjenix interament lit-testatur, iżda kien hemm parti minnu li kienet tappartjeni lill-mejta martu, in segwitu ta' dan, Edwin Micallef għandu jħallas lil ħutu Joseph u Carmel sive Charles dik il-parti li hija dovuta lilhom bħala eredi min-naħa ta' ommhom****, ikkalkolata fuq id-denunzja tas-Suċċessjoni*

*tagħha li ġġib in-numru seba' mija ħamsa u tletin tas-sena elf disa' mija u tmenin (735/80) u kont numru tmienja u għoxrin elf disa' mija tmienja u tletin (28938) tad-data ħamsa (5) ta' Awwissu elf disa' mija tmenin (5.09.80) kif riferita fl-artikolu erbgħa (4) tal-istima tal-Perit Louis Naudi A & C.E. li fil-fatt in-nofs tal-mejta martu kien ġie stmat erba' mija u erbgħin lira Maltija (Lm440). Flimkien ma' dan l-istess Edwin Micallef iħallas ukoll id-dritt dovut lil ħutu provenjenti minn sehem it-testatur, u f'dan il-każ bil-valur fil-pont tal-mewt tat-testatur. Fil-każ li din ix-xewqa tat-testatur tiġi miċħuda jew b'xi mod tiġi ostakolata, allura t-testatur iħalli lill-istess Edwin Micallef bħala alternattiva b'titolu ta' prelegat, is-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3000).*

*It-testatur qed jagħmel dan peress illi bħalissa dan ibnu Edwin Micallef joqgħod l-Awstralja ma għandux fejn joqgħod f'Malta.»*

(Is-sing u t-tipa grassa ġie magħmul mill-Qorti)

58. Huwa ċar daqs il-kristall li dan il-legat dwar il-post '*May Bee*' inħoloq b'ħarsien sħiħ ma' dak mitlub fl-**Artikoli 696** u **698 tal-Kodiċi Ċivili**. It-testatur iddikjara fit-testment tiegħu li dan il-post ma kienx kollu tiegħu għax parti minnu kienet ta' martu. L-istess testatur iddikjara wkoll li Edwin Micallef kellu jħallas lil ħutu dwar is-sehem tagħhom mill-wirt tiegħu u ta' ommhom. Jiġi b'hekk, li kontra dak li jgħid l-appellant, il-legat inkwistjoni huwa wieħed li seta' jsir u li jiswa skont il-liġi.

59. It-tieni aggravju tal-appellant għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

60. Nimxu għat-**<u>tielet aggravju</u>**. L-appellant jargumenta li huwa werriet ta' ommu Antoinette Micallef f'sehem ta' kwart ($^1/_4$). Għalhekk billi l-oġġetti immobbli u mobbli inkluż il-flejjes kollha li ħalla warajh missieru, kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti li huwa kellu ma' Antoinette Micallef, allura l-appellant jgħid li għandu jedd ta' kwart fuq

in-nofs kollu tal-ġid li kellhom bejniethom il-ġenituri tagħhom.

61. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn taħli wisq ħin fuq dan l-aggravju għaliex l-Ewwel Qorti għarfet fis-sentenza tagħha li l-appellant kellu jedd ta' kwart fuq is-sehem ta' ommu. Kemm hu hekk fis-sentenza appellata, hija qalet hekk:

> *«Meta mietet l-omm fit-8 ta' Diċembru, 1979, l-assi tagħha ntirtu mit-tliet uliedha u minn żewġha, u dan skont id-dispożizzjonijiet tat-testment unica charta tat-30 ta' Ottubru, 1978 (Jiġi spjegat li skont it-testment, il-missier akkwista b'legat kwart (¼) tal-beni kollha tagħha, u l-użufrutt tat-tliet kwarti (¾) l-oħra. It-tlett itfal kienu l-eredi universali. Għalhekk jiġi li l-missier u* ***t-tliet ulied wirtu kwart (¼) kull wieħed mill-beni tagħha****, filwaqt li l-missier kellu l-użufrutt fuq il-beni li wirtu l-ulied. Il-konvenut Joseph Micallef ġie istitwit bħala esekutur testamentarju).»*

62. L-appellant però jżid fl-appell tiegħu li l-flus ta' missieru li kienu jinsabu fil-bank u li ġew investiti minnu kienu xi darba jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk bħala werriet ta' ommu huwa jgħid li għandu sehem fuq iż-żieda li matul is-snin kien hemm fuq dawn id-depożiti bankarji u investimenti.

63. Din il-Qorti iżda ma tistax taqbel mal-appellant għaliex kif fuq indikat, jirriżulta li ommu fit-tieni artikolu tat-testment tagħha, kienet ħalliet lil żewġha Joseph Micallef, l-użu u l-użufrutt fuq il-parti tal-ġid kollu li hija ħalliet lill-werriet tagħha. Skont l-**Artikolu 332 tal-Kodiċi Ċivili**, missier l-appellant, bħala użufruttwarju tad-depożiti bankarji u tal-investimenti kellu jedd għal kull xorta ta' frottijiet ċivili. Għalhekk l-

appellant bħala werriet ta' ommu għandu jedd biss fuq il-kapital tal-flejjes li kellha ommha fil-mument ta' mewtha fl-1979.

64. Dwar il-likwidazzjoni tal-flejjes, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet hekk:

> *«L-omm kellha Lm3,595.04 f'assi monetarji (Lm3,525.04 + Lm70), però kien hemm passivi ta' Lm962.40. Għaldaqstant ħalliet assi monetarji netti ta' Lm2,632.64, ekwivalenti għal €6,134.05. Minn dan l-ammont il-kontendenti flimkien kellhom 3/4, li jiġu €4,600.53. Kull wieħed kien intitolat għal 1/4, u ċjoè €1,533.51. (Kwalsiasi imgħax li ddekorra fuq din is-somma ta' €6,134.05 jifforma parti mill-użufrutt tal-missier).»*

65. L-appellant ma appellax minn din il-likwidazzjoni tal-flejjes li kellha omm il-partijiet fil-mument ta' mewtha. Għalhekk il-Qorti mhijiex ħa tidħol fuq din il-likwidazzjoni u tista' tissokta għall-aggravju li jmiss.

66. Fir-**raba' aggravju** tiegħu l-appellant jilmenta fuq il-legati tal-assi mobbli (mhux flejjes) li missieru ħalla lil Toninu Micallef u lill-appellati. Jisħaq li l-oġġetti ta' dawn il-legati kienu parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk ma setgħux jiġu mħollija b'legat. Minbarra dan l-appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet talba tiegħu biex tħallih iressaq provi dwar dawn l-oġġetti mobbli.

67. Din il-Qorti ħa tibda billi l-ewwel tqis it-tieni parti ta' dan l-aggravju. L-appellant mhux biss ma ressaq l-ebda appell speċifiku kontra xi digriet tal-Ewwel Qorti fit-talba finali tal-appell tiegħu, iżda f'dan l-aggravju l-

appellant lanqas biss ma indika d-data tad-digriet tal-Ewwel Qorti, li permezz tiegħu qed jgħid ġiet miċħuda xi talba tiegħu biex iressaq provi. Għalhekk fin-nuqqas ta' identifikazzjoni u appell speċifiku għar-revoka ta' dan id-digriet, il-Qorti lanqas għandha għalfejn tqis dan il-parti tal-ilment (ara ***Louis Vincenti et v. Maria sive May Herrera et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar, 2021, ***Francis Zahra v. Carmel sive Charles Pace*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu, 2006 u ***Albert Sacco v. Anthony Agius et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Marzu, 2005).

68. F'kull każ mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti żammet lill-appellant milli jressaq xi provi. Anzi wara li fis-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2014 (ara paġna 46 tal-atti tal-kawża) l-Ewwel Qorti kienet għalqet il-provi tal-appellant għaliex fi spazju ta' tliet snin u nofs huwa ma kien ressaq l-ebda prova, l-istess Qorti fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2014 (ara paġna 157 tal-atti tal-kawża) kienet aċċettat li l-appellant idaħħal fl-atti tal-kawża l-affidavit tiegħu ta' 41 paġna, b'sensiela twila ta' dokumenti mehmużin miegħu.

69. Għalhekk dwar dan l-aspett, l-appellant huwa tabilħaqq inġust fil-kritika tiegħu lejn l-Ewwel Qorti, meta mill-atti jirriżulta li l-Ewwel Qorti mhux talli ma żammitux milli jressaq il-provi iżda talli mxiet miegħu b'indulġenza liema bħalha.

70. Dan l-ilment, li kien jaqbel aħjar li kieku ma tressaq xejn, qiegħed jiġi miċħud.

71. Lura għall-ewwel parti ta' dan l-aggravju, jirriżulta li l-legati tal-mobbli li qiegħed jattakka l-appellant huma: (i) l-legat ta' għaxar biċċiet għodda li missieru ħalla lil ħuh Toninu Micallef (it-tielet artikolu tat-testment); (ii) id-*drawing instruments* u l-materjal ta' miegħu li tħalla lil Edwin Micallef (ir-raba' artikolu tat-testment); (iii) l-għodda u t-tagħmir tal-*workshop* li tħalla lil Joseph Micallef (ir-raba' artikolu tat-testment); (iv) it-tliet ritratti pinġuti ta' mart it-testatur, ta' missier it-testatur u ta' Winston Churchill li ġew pinġuti mit-testatur u li tħallew lil Joseph, Edwin u Toninu Micallef skont kif jiddeċiedu bejniethom (il-ħames artikolu tat-testment); u (v) l-affarijiet li hemm fil-post '*May Bee'* li tħallew lil Edwin Micallef (id-disa' artikolu tat-testment).

72. Issa l-appellant qiegħed jargumenta li dawn l-oġġetti mobbli ma setgħux jitħallew b'legat għaliex dawn kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

73. Il-Qorti tissokta billi tgħid li fil-każ tal-legati tal-oġġetti mobbli msemmija f'paragrafu 71 tas-sentenza, it-testatur ma indikax bħalma għamel fil-każ tal-legat tal-post '*May Bee*', li dawn kienu jifformaw parti

mill-komunjoni tal-akkwisti li kellu ma' martu. Ma jfissirx b'daqshekk iżda li l-appellant għandu raġun fl-aggravju tiegħu. Dan għaliex biex jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 696** u **698 tal-Kodiċi Ċivili** ġa fuq imsemmija, irid jintwera li l-oġġett imħolli b'legat huwa kollu kemm hu jew f'parti minnu ta' ħaddieħor.

74. F'dan il-każ, il-piż tal-prova li l-oġġetti mobbli inkwistjoni kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, meta l-omm Antoinette Micallef mietet fit-8 ta' Diċembru, 1979, huwa mixħut fuq l-appellant, ladarba kienet ġejja minnu l-allegazzjoni li dawn il-ħwejjeġ kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

75. Illi jekk wieħed jifli d-denunzja ta' Antoinette Micallef li saret taħt l-**Att dwar it-Taxxa tal-Mewt** (ara paġni 183 sa 187 tal-atti tal-kawża), jirriżulta li ġie ddikjarat li bħala ħwejjeġ mobbli, hija kellha oġġetti tad-deheb, għamara bil-valur ta' Lm220 u vettura. L-għodda, l-istrumenti tat-tpinġija u r-ritratti li pinġa t-testatur ma jissemmewx fid-denunzja u allura l-Qorti qiegħda tifhem li dawn ma kinux ta' Antoinette Micallef meta mietet fl-1979 u li x'aktarx kienu affarijiet tat-testatur li kiseb jew għamel wara l-1979 sa ma miet fl-2002.

76. Dwar l-għamara, b'valur ta' Lm220, li tissemma fid-denunzja, il-Qorti temmen li din x'aktarx tirreferi għall-għamara li kien hemm fid-dar

ta' residenza ta' Antoinette Micallef. Skont id-denunzja, Antoinette Micallef kienet toqgħod f'dar li kienet tinsab f'Shepherd Street, fir-Rabat u mhux fid-dar *May Bee*, li tinsab f'St. Edward Street, ir-Rabat. Jiġi b'hekk, li anke fejn għandu x'jaqsam mal-legat tal-oġġetti li jinsabu fid-dar '*May Bee'*, f'St. Edward Street, ir-Rabat, ma hemmx prova li l-oġġetti li jinsabu fiha kienu xi darba ġid tal-komunjoni tal-akkwisti.

77. Għaldaqstant anke dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

78. Fil-**ħames aggravju** l-appellant sempliċement jgħid li l-Ewwel Qorti injorat it-talba tiegħu għall-ħlasijiet tal-imgħax.

79. Din il-Qorti iżda ma taqbilx mal-appellant li l-Ewwel Qorti injorat din it-talba. Jekk wieħed jifli s-sentenza wieħed isib li l-Ewwel Qorti qalet li l-appellant ma setax jieħu l-imgħax fuq il-wirt ta' ommu għaliex ommu ħalliet l-użufrutt lil missieru. Konklużjoni din li fil-fehma tal-Qorti hija waħda korretta.

80. Lil hemm minn dan, l-appellant ma jgħidx f'dan l-aggravju tiegħu fuq liema ċifri mill-ħafna ammonti msemmija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, huwa qiegħed jitlob l-imgħax. Għalhekk ladarba l-appellant ma semma xejn fl-aggravju tiegħu, din il-Qorti ma tarax li għandha tkun hi li tagħmel xogħlu. Joqgħod hawnhekk dak li ngħad

riċentament ħafna mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Emanuel Fenech v. Emanuel Calleja et*** deċiża fid-29 ta' Marzu, 2023, li dan mhuwiex il-mod kif għandhom isiru l-atti ġudizzjarji. Sakemm ma jkunx hemm konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku, aggravju motivat b'mod hekk fjakk jistħoqqlu li jitwarrab mingħajr aktar ħela ta' ħin.

81. Jifdal biss is-**sitt aggravju** fejn l-appellant jilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li taqsam l-ispejjeż tal-kawża bejn it-tliet partijiet b'sehem ta' terz kull wieħed. L-appellant isostni li huwa ma ħaqqu jħallas xejn mill-ispejjeż ta' din il-kawża għaliex jgħid li kellu jiftaħha minħabba l-aġir irregolari u abbużiv tal-konvenuti.

82. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-aggravju għaliex l-Ewwel Qorti mkien ma qalet fis-sentenza tagħha li l-konvenuti mxew mal-appellant b'mod abbużiv u rregolari. Għalhekk hija ma setgħetx tqis dan bħala fattur fil-konsiderazzjonijiet tagħha fil-kundanna tal-ispejjeż tal-kawża.

83. Barra minn hekk, ma tressaq l-ebda aggravju speċifiku mill-appellant biex din il-Qorti tistħarreġ jekk kienx hemm tabilħaqq għemil abbużiv jew irregolari min-naħa tal-konvenuti. F'kull każ, minn għarbiel mirqum tal-atti tal-kawża, din il-Qorti ma sabet xejn li jikkonvinċiha li l-konvenuti appellati mxew b'mod ħażin kontra l-appellant. Anzi din il-

Qorti iktar jidhrilha li kien l-appellant stess li kaxkar saqajh kemm felaħ f'dawn il-proċeduri u qagħad iħaqqaqha ma' ħutu fil-vojt.

84. L-aħħar aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' biss l-appell sa fejn jolqot l-ewwel aggravju, b'dana li din il-Qorti qiegħda tirriforma s-sentenza appellata biss sa fejn għandu x'jaqsam il-qabar numru 211, fiċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita, ir-Rabat, billi tordna liż-żewġ appellati jħallsu lill-appellant is-somma ta' €1833.33 kull wieħed, ħalli b'hekk l-appellant ma jibqax f'komunjoni magħhom dwar dan il-qabar. Mill-bqija s-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda tiġi kkonfermata.

Peress li din il-Qorti laqgħet aggravju wieħed biss minn sitta, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu hekk: (i) sehem ta' ħamsa minn sitta ($^{5}/_{6}$) mill-appellant; u (ii) sehem ta' wieħed minn sitta ($^{1}/_{6}$) mill-appellati flimkien bejniethom.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
gr